MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2007

Numru. 744/2007

Il- Pulizija
(Spettur Angelo Gafa)

-vs-

Antonia Caruana

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Antonia Caruana nee` Muscat ta’ 41 sena, bint Alfred u Mary Mercedes nee` Bartolo, imwielda Mellieha, fil- 31 ta’ Lulju 1966, residenti f’ 21, ‘Il- Holma’, Triq Pietru Pawl Caruana, Mellieha u detentrici tal- karta ta’ l- identita’ bin- numru 313966M.

Akkuzata talli f’ dawn il- Gzejjer, fil- perjodu ta’ bejn id- 9 ta’ April 2007 u d- 9 ta’ Gunju 2007, b’ diversi atti

maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda, b' mezzi kontra l- ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b' qerq iehor, ingann jew billi wriet haga b' ohra sabiex iggieghel titwemmen l- ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh li jeccedi l- mitt lira Maltija (Lm100) izda anqas minn elf lira Maltija (Lm1000) ghad- dannu ta' Ronald Hayes ta' nazzjonalita` Ingliza, Margaret Oliver ta' nazzjonalita` Ingliza u British Jet Limited.

Il- Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall- hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil- proceduri hekk kif kkontemplat fl- artikolu 533 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti prezentati.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi proceduri sommarja u li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha anke wara li l-Qorti fissritielha l-konsegwenzi ta' ammissjoni u taghtha zmien biex tahsibha.

Rat li l-imputata hallset l-ammonti kollha dovuta minnha.

Rat l-artikoli 18, 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina penali ta' l-akkuzata.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi f'l-ewwel udjenza mizmuma minn din il-Qorti l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha. L-imputazzjonijiet ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti ikkunsidrat in-natura tar-reati kommessi, l-ammont appropjat mill-imputata, kif ukoll il-koperazzjoni ta'l-imputata mal-Pulizija, l-ammissjoni taghha f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u l-fedina penali netta taghha.

Illi l-Qorti ikkunsidrat ukoll l-fatt li l-imputata, qabel ma ttiehdu dawn il-proceduri kienet diga hallset l-bicca l-kbira ta'l-ammonti dovuta minnha,  u l-bilanc thallas seduta stante waqt l-udjenza mizmuma llum 15 ta' Ottubru 2007.

Ghal dawn il-motivi, fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 18, 308, 309 u 310(1)(b) kif ukoll l-artikolu 337(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' sentejn (2) mill-llum.

Il-Qorti spejgat lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk taghmel reat iehor matul dan il-perjodu ta' sentejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------